# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 55/19 JVC**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Etienne Vella**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 l-appellant talab ir-rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul minħabba li kien il-ġudikant li ppresjeda l-kawża ċivili fl-ismijiet **Fenplay Limited v. Vincent Etienne Vella** (870/2009) fis-6 ta' Ottubru 2014. L-appellant isostni li:

> *"6. Il-mertu tal-kawża appena ċitata huwa identiku għal dik tal-kawża fl-ismijiet premessi; jista' fil-fatt jingħad illi ż-żewġ kawżi jitrattaw l-aspett*

*ta' liġi ċivili u l-aspett tad-dritt penali in segwitu għall-istess fatt jew fatti......*

*"12. Fl-umli fehma tal-esponenti, meta fis-sentenza tagħha datata 6 ta' Ottubru 2014 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha li permezz tagħhom ikkonkludiet dak li effettivament ikkonkludiet, il-Qorti kif presjeduta esprimiet u tat ġudizzju li jinċidi direttament fuq il-mertu tal-kawża li minnha saret din ir-riferenza. Dan kien inevitabbli.*

*"13. Għall-esponenti, oġġettivament jeżistu raġunijiet validi sabiex l-Onor. Imħallef Anthony Ellul jirrikuża ruħu, anke in omaġġ għall-prinċipju legali illi ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid ukoll tidher li qed issir".*

2. Bi tweġiba preżentata fit-23 ta' Ġunju 2020 l-Avukat Ġenerali oppona għat-talba u għar-raġuni li l-proċeduri kostituzzjonali u dawk ċivili huma distinti minn xulxin, u li f'dawn il-proċeduri l-Qorti għandha twieġeb il-mistoqsija tal-Qorti referenti dwar jekk fil-kawża kriminali, l-appellant kellux smigħ xieraq. Kompla li l-meritu tal-appell hu kompletament differenti minn dak deċiż fil-kawża ċivili.

3. Fis-sentenza **Indra v. Slovakia** (46845/99) tal-1 ta' Frar 2005, il-QEDB qalet:-

*"Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw.* ***This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the party concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified*** *(see Wettstein, cited above, § 44)".*

4. Ovvjament kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Sabiex raġuni twassal għar-rikuża trid tkun waħda konkreta u mhux immaġinata. Fis-sentenza **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** tal-15 ta' Novembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

> *"il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il- kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża,* ***mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'****. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"*

5. Fil-każ **Fey v. Austria** (1993), pereżempju s-semplici fatt li Imħallef *"...has also made pre-trial decisions in the case cannot be taken as it itself justifying fears as to his impartiality...what matters is the extent and nature of those decisions"*.

6. Il-qorti tosserva:

i. l-appell li qiegħed jinstema' quddiem din il-Qorti hu minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara ordni ta' referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

ii. L-ordni ta' referenza li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali, taqra: *"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-Artikolu 6 tal-*

*Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser ikun leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi jkun ipprivat mid-dritt għad-doppio esame u dana billi inħoloq preġudizzju għalih bil-fatt illi (1) huwa ma ngħatax id-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bħal ma ngħatat il-prosekuzzjoni u (2) li meta d-difiża għamlet it-trattazzjoni tagħha, din it-trattazzjoni ma kinitx reġistrata u kwindi bħala riżultat, il-Qorti tal-Maġistrati ma eżaminatx id-difiża tiegħu għar-reati lilu addebitati bi vjolazzjoni għal prinċipju tal-equality of arms u tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skond il-liġi".*

iii. Il-meritu tal-appell pendenti quddiem din il-Qorti m'għandu x'jaqsam xejn mal-kawża ċivili **Fenplay Limited v. Vincent Etienne Vella** (870/2009) deċiża mill-Prim'Awla presjeduta mill-imħallef li qiegħed jintalab ir-rikuża tiegħu. Hekk ukoll il-meritu tal-appell m'għandu x'jaqsam xejn dwar jekk l-appellant wettaqx reat.

iv. Dak li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti huma aspetti proċedurali dwar dak li seħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u fir-rigward ta' liema l-appellant qiegħed jikkontendi li gie leż il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta). L-ilment tal-appellant mhuwiex dwar dak li seħħ fil-kawża ċivili.

v. L-imħallef A. Ellul ma kienx involut fil-proċeduri kriminali li dwarhom jitratta l-appell u qatt m'esprima ruħu dwar in-nuqqasijiet li l-appellant jallega li ġraw waqt li l-kawża kriminali kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

7. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx bażi sabiex tintlaqa' t-talba għar-rikuża tal-imħallef Anthony Ellul.

**Għaldaqstant, tiċħad it-talba tal-appellant għar-rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul li saret bir-rikors li ppreżenta fil-11 ta' Ġunju 2020.**

**Spejjeż ta' dan il-provvediment a karigu tal-appellant.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm